11 ta' Ottubru, 1948

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ganni Schembri

**Korruzzjoni ta' Minorenni.**

*Meta l-minorenni jkun ġà mogħti għall-vizzju, jista' ċjò non ostanti jkun hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, għaliex ħadd ma għandu l-jedd ikompli jispinġi fuq it-triq tal-vizzju lil min forsi jista' jitbiegħed minnha kieku ma jabbużawx ulterjorment minnu.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-14 ta' Mejju 1948, li biha l-imsemmi Schembri ġie misjub ħati ta' korruzzjoni ta' minorenni, u ġie kundannat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien tlittax-il xahar;

Rat ir-rikors li bih Schembri appella u talab li jiġi meħlus mill-imputazzjoni;

*Omissis;*

Irriflettiet;

Mix-xhieda ta' Giuseppe Camilleri, imsaħħa mill-kumpless tal-provi indizjarji l-oħra, inklużi xi *kliem li qal* l-appellant, ta' liema l-portata ġiet debitament rilevata mill-Maġistrat, jidher ċar li l-appellanti għamel attijiet.......... fuq il-persuna ta' l-imsemmija Camilleri, li fiż-żmien tal-fatt kienet minorenni jonqosha ftit xhur għall-maġġorità; infatti għalqet it-tmintax-il sena xi tlieta jew erba' xhur wara l-fatt;

Iċ-ċirkustanza li dina Camilleri, kif juru l-provi, kienet ġà korrotta, mhux biss ma' barrani imma *anki ma'* ħutha, ma tiswiex biex tneħħi l-imputazzjoni. Veru hu li ġie disputat ħafna fil-prattika u d-dottrina jekk hijiex legalment ammissibili l-korruzzjoni ta' persuna ġà korrotta; imma ormaj jidher stabbilit (u ċertament din hi l-opinjoni dejjem segwita mill-Qrati Maltin) illi, anki meta l-minorenni jkun ġà mogħti għall-vizzju, jista' ċjò non ostante jkun hemm ir-reat ta' korruzzjoni, għaliex ħadd ma għandu l-jedd li jkompli jispinġi fuq it-triq tal-vizzju min forsi jista' jitbiegħed minnha kieku ma jabbużawx ulterjorment minnu;

Dwar il-piena;

Fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, però, l-Imħallef sedenti hu tal-fehma li hemm lok għal minorazzjoni tal-piena;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi fil-meritu tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Kwantu għall-piena, tirriduċiha għal-lavuri furzati għal żmien sitt xhur.